# L-AMERIKA LATINA U L-KARIBEW

Ir-relazzjonijiet tal-UE mal-Amerika Latina u l-Karibew huma multidimensjonali u jitmexxew fuq livelli differenti. L-UE tinteraġixxi mar-reġjun kollu permezz ta' summits tal-kapijiet tal-istat u l-gvern, filwaqt li l-ftehimiet u d-djalogu politiku jorbtu lill-UE u l-Karibew, l-Amerika Ċentrali, il-Komunità Andina, il-Mercosur u pajjiżi individwali.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

— It-Titolu V (azzjoni esterna tal-UE) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

— It-Titoli I-III u V (politika kummerċjali komuni; il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u l-għajnuna umanitarja; ftehimiet internazzjonali) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

## RELAZZJONIJIET BEJN IR-REĠJUNI

### A. Is-summits

L-ewwel summit bejn l-UE, l-Amerika Latina u l-Karibew sar f'Rio de Janeiro f'Ġunju 1999, u stabbilixxa "Sħubija Strateġika Bireġjonali". Is-summit biennali l-aktar reċenti, li sar f'Ġunju 2015 fi Brussell, kien it-tieni wieħed li sar bejn l-UE u l-Komunità ta' Stati tal-Amerika Latina u tal-Karibew (Comunidad de Estados Latinoamericanos y Caribeños, CELAC). Is-summits isaħħu r-rabtiet bejn iż-żewġ reġjuni fl-ogħla livell u jindirizzaw kwistjonijiet dwar l-aġenda bireġjonali u dik internazzjonali. Id-dibattiti ffukaw fuq suġġetti bħad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem; il-ġlieda kontra l-faqar; il-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali, l-innovazzjoni u t-teknoloġija; u l-ambjent u t-tibdil fil-klima. Is-summit ta' Brussell adotta dikjarazzjoni politika qasira, dikjarazzjoni itwal dwar l-aspetti differenti tas-sħubija u "Pjan ta' Azzjoni" UE-CELAC, abbażi tal-prijoritajiet stabbiliti mis-summits reċenti. Il-pjan jistabbilixxi għaxar oqsma ta' prijorità għall-kooperazzjoni bireġjonali:

— ix-xjenza, ir-riċerka, l-innovazzjoni u t-teknoloġija;

— l-iżvilupp sostenibbli u l-ambjent, it-tibdil fil-klima, il-bijodiversità u l-enerġija;

— l-integrazzjoni reġjonali u l-interkonnettività għall-promozzjoni tal-inklużjoni u l-koeżjoni soċjali;

— il-migrazzjoni;

— l-edukazzjoni u l-impjiegi għall-promozzjoni tal-inklużjoni u l-koeżjoni soċjali;

— il-problema dinjija tad-droga;

— il-ġeneru;

— l-investimenti u l-intraprenditorija għall-iżvilupp sostenibbli;

— l-edukazzjoni għolja;

— is-sigurtà taċ-ċittadini.

Is-Summit UE-CELAC , li oriġinalment kien ippjanat li jsir f'El Salvador f'Ottubru 2017, ġie pospost. Il-ministri tal-affarijiet barranin miż-żewġ reġjuni ltaqgħu fi Brussell fis-16 u s-17 ta' Lulju 2018. Huma adottaw dikjarazzjoni li tiffoka fuq it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bireġjonali fil-fora globali.

**B.** Id-dimensjoni parlamentari

Il-kuntatti regolari bejn il-membri tal-Parlament Ewropew u l-membri parlamentari tal-Amerika Latina bdew fl-1974 bl-ewwel minn 17-il konferenza interparlamentari. Dan kien l-ewwel, u għal bosta snin l-uniku, forum għal djalogu politiku istituzzjonali bejn l-Ewropa u l-Amerika Latina. Fl-2006, l-Assemblea Parlamentari Ewro-Latino-Amerikana konġunta ("EuroLat"), l-istituzzjoni parlamentari tas-Sħubija Strateġika Bireġjonali, ħadet post il-konferenzi interparlamentari. L-EuroLat isservi bħala forum għad-dibattitu, il-monitoraġġ u r-rieżami tal-kwistjonijiet kollha relatati mas-sħubija. Hija għandha 150 membru: 75 mill-Parlament Ewropew u 75 mill-parlamenti subreġjonali tal-Amerika Latina, inklużi l-Parlatino (il-Parlament tal-Amerika Latina), il-Parlandino (il-Parlament Andin), il-Parlacen (il-Parlament tal-Amerika Ċentrali), il-Parlasur (il-Parlament tal-Mercosur) u l-Kungressi taċ-Ċilì u l-Messiku. Mill-2006 'l hawn, l-EuroLat kellha għaxar sessjonijiet plenarji ordinarji; l-aktar waħda reċenti saret f'Settembru 2018.

## IR-RELAZZJONIJIET MAS-SUBREĠJUNI

**A.** L-Amerika Ċentrali (il-Costa Rica, El Salvador, il-Gwatemala, il-Honduras, in-Nikaragwa u l-Panama)

Ir-relazzjonijiet mal-pajjiżi tal-Amerika Ċentrali żviluppaw abbażi tad-"Djalogu San José". Id-djalogu, li nbeda fl-1984, minn dak iż-żmien 'l hawn twessa' biex jinkludi kwistjonijiet bħall-iżvilupp ekonomiku u soċjali, il-migrazzjoni u s-sigurtà. B'segwitu għaż-żewġ ftehimiet inizjali ta' kooperazzjoni, konklużi fl-1985 u l-1993, ġie ffirmat Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni fl-2003, li introduċa oqsma ġodda varji ta' kooperazzjoni. F'Ġunju 2012 ġie ffirmat Ftehim ta' Assoċjazzjoni, l-ewwel ftehim ta' dan it-tip bejn ir-reġjuni konkluż mill-UE u rratifikat mill-Parlament Ewropew f'Diċembru 2012. Il-ftehim jistabbilixxi l-għan li tiġi żviluppata sħubija politika privileġġjata bbażata fuq valuri, prinċipji u objettivi komuni, it-tisħiħ tad-drittijiet tal-bniedem, it-tnaqqis fil-faqar, il-ġlieda kontra l-inugwaljanza, il-prevenzjoni tal-kunflitti u l-promozzjoni tal-governanza tajba, is-sigurtà, l-integrazzjoni reġjonali u l-iżvilupp sostenibbli. Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jilliberalizza wkoll il-kummerċ fi prodotti industrijali u tas-sajd u jelimina l-biċċa l-kbira tat-tariffi fuq il-kummerċ agrikolu. Il-kapitolu dwar il-kummerċ ta' dan il-ftehim daħal fis-seħħ b'mod proviżorju matul l-2013 (f'dati differenti għal pajjiżi differenti). Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-ftehim se jsir minn Kumitat Parlamentari ta' Assoċjazzjoni, magħmul minn Membri Parlamentari Ewropej u membri tal-Parlacen u tal-parlamenti nazzjonali tal-Costa Rica u l-Panama.

**B.** Il-Komunità Andina (il-Bolivja, il-Kolombja, l-Ekwador u l-Perù)

L-UE żammet kuntatti regolari mal-pajjiżi Andini mill-1969 'l hawn, meta twaqqaf il-Grupp Andin (aktar tard imsejjaħ il-Komunità Andina). L-ewwel Ftehim ta' Kooperazzjoni ġie ffirmat fl-1983, li ġie segwit minn Ftehim Qafas ta' Kooperazzjoni usa' fl-1993. F'Diċembru 2003, iż-żewġ reġjuni kkonkludew Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni, li wessa' ulterjorment il-kamp ta' applikazzjoni tal-kooperazzjoni iżda għadu ma daħalx fis-seħħ. In-negozjati dwar Ftehim ta' Assoċjazzjoni bdew f'Ġunju 2007 u finalment wasslu għal ftehim kummerċjali bejn bosta partijiet mal-Perù u l-Kolombja f'Marzu 2010. Il-ftehim ta' kummerċ, iffirmat f'Ġunju 2012 u rratifikat mill-Parlament Ewropew f'Diċembru 2012, daħal fis-seħħ mal-Perù fl-1 ta' Marzu 2013 u mal-Kolombja fl-1 ta' Awwissu 2013. Il-ftehim jipprevedi l-liberalizzazzjoni totali tal-kummerċ fi prodotti industrijali u tas-sajd tul 10 snin (bil-biċċa l-kbira tat-tariffi jiġu eliminati mad-dħul fis-seħħ tiegħu) u jżid l-aċċess għas-suq għall-prodotti agrikoli. Il-ftehim ikopri l-akkwist pubbliku, l-investiment, id-drittijiet tal-bniedem u x-xogħol u l-istandards ambjentali. L-Ekwador ingħaqad mal-ftehim kummerċjali fl-1 ta' Jannar 2017.

**C.** Il-Mercosur (l-Arġentina, il-Brażil, il-Paragwaj u l-Urugwaj)

L-UE u s-Suq Komuni tan-Nofsinhar (Mercado Común del Sur, il-Mercosur), li twaqqaf fl-1991, żammew relazzjonijiet istituzzjonali mill-1992 'l hawn. Fl-1995, huma ffirmaw Ftehim Qafas Interreġjonali, li jistabbilixxi djalogu politiku regolari u l-objettivi u l-modalitajiet għall-kooperazzjoni kummerċjali u ekonomika, inkluż fl-oqsma tal-promozzjoni tal-investiment, it-trasport, l-ambjent, ix-xjenza u t-teknoloġija.

Fl-1999 ingħata bidu għan-negozjati dwar Ftehim ta' Assoċjazzjoni, li jinkludi d-djalogu politiku, il-kooperazzjoni u l-kummerċ ħieles. Wara li ġew sospiżi fl-2004, in-negozjati reġgħu bdew fl-2010, b'enfasi fuq il-kapitoli dwar il-politika u l-kooperazzjoni u l-parti "normativa" tal-kapitolu dwar il-kummerċ (ir-regoli tal-oriġini, eċċ), iżda reġgħu ġew interrotti fl-2012. Madankollu, wara li l-partijiet ikkonfermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom biex jilħqu ftehim, huma kellhom skambju ta' offerti dwar l-aċċess għas-suq tal-oġġetti, is-servizzi u l-akkwist pubbliku mill-gvern f'Mejju 2016, u n-negozjati reġgħu bdew. Minkejja l-impenn taż-żewġ partijiet, l-għan tagħhom li jilħqu qbil dwar Ftehim ta' Assoċjazzjoni sal-aħħar tal-2017 ma nkisibx, u n-negozjati tkomplew fl-2018. F'diversi okkażjonijiet, il-Parlament Ewropew esprima l-appoġġ tiegħu għal ftehim ambizzjuż u bilanċjat li jqis is-sensitivitajiet tas-setturi ekonomiċi taż-żewġ reġjuni.

**D.** Il-Karibew

Fl-istorja l-UE dejjem żammet relazzjonijiet b'saħħithom mal-Karibew. Dan huwa dovut fil-biċċa l-kbira għall-preżenza kolonjali tal-pajjiżi Ewropej fir-reġjun; bosta għadhom preżenti permezz tal-pajjiżi u territorji extra-Ewropej. Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Karibew huma msawra permezz ta' oqfsa istituzzjonali sovraposti. L-aktar importanti huma l-Ftehim ta' Cotonou, iffirmat fis-sena 2000 ma' 79 pajjiż Afrikan, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP), u l-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) bejn l-UE u l-Cariforum, iffirmat fl-2008. Is-sieħeb ewlieni għad-djalogu bireġjonali mal-UE huwa l-Cariforum. Mis-16-il membru tal-organizzazzjoni, 14 minnhom – Antigua u Barbuda, il-Bahamas, Barbados, il-Belize, Dominica, Grenada, il-Guyana, il-Haiti, il-Ġamajka, Saint Kitts u Nevis, Saint Lucia, Saint Vincent u l-Grenadini, is-Suriname u Trinidad u Tobago – huma

membri tal-Komunità tal-Karibew (Caricom). Ir-Repubblika Dominicana (firmatarja tal-Ftehim ta' Cotonou u l-FSE) u Kuba, li għandha status speċjali, huma membri wkoll.

Minn Novembru 2012 'il hawn, ir-relazzjonijiet bejn il-Karibew u l-UE kienu rregolati mill-Istrateġija ta' Sħubija Konġunta UE-Karibew (JECS), li tipprevedi qafas strutturat għal djalogu u kooperazzjoni usa' u aktar profondi. L-istrateġija tiddefinixxi ħames oqsma ta' prijorità: il-kooperazzjoni u l-integrazzjoni reġjonali; ir-rikostruzzjoni tal-Haiti; it-tibdil fil-klima u d-diżastri naturali; il-kriminalità u s-sigurtà; u l-azzjoni konġunta f'fora bireġjonali u multilaterali u dwar kwistjonijiet globali.

Ir-relazzjonijiet interparlamentari jikkostitwixxu parti importanti mir-rabtiet bejn l-UE u l-Karibew. Barra laqgħat reġjonali dedikati u l-Assemblea Interparlamentari Konġunta usa' AKP-UE, il-FSE tal-2008 stabbilixxa Kumitat Parlamentari Konġunt bejn il-Cariforum u l-UE biex jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-ftehim. Il-Kumitat iltaqa' tliet darbiet, l-aktar reċenti bejn il-31 ta' Ottubru u l-1 ta' Novembru 2017 fi Trinidad u Tobago.

## IR-RELAZZJONIJIET MA' PAJJIŻI INDIVIDWALI

### A. Il-Messiku

Il-Messiku u l-UE ilhom mill-1960 jżommu relazzjonijiet diplomatiċi. Wara Ftehim ta' Kooperazzjoni tal-1975 u Ftehim Qafas ta' Kooperazzjoni usa' fl-1991, l-UE u l-Messiku fl-1997 ikkonkludew l-ewwel ftehim ta' sħubija tal-UE ma' pajjiż tal-Amerika Latina. Il-Ftehim dwar Sħubija Ekonomika, Koordinazzjoni Politika u Kooperazzjoni (magħruf bħala l-"Ftehim Globali") istituzzjonalizza d-djalogu politiku u wessa' l-kooperazzjoni għal oqsma differenti, inklużi d-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem. Dan ħoloq ukoll żona ta' kummerċ ħieles bejn l-UE u l-Messiku. In-negozjati mal-Messiku għall-modernizzazzjoni tal-"Ftehim Globali", li bdew f'Mejju 2016, wasslu sabiex fil-21 ta' April 2018 ġie ffirmat "ftehim fil-prinċipju" dwar il-kapitoli kummerċjali ta' ftehim aġġornat.

Is-Sħubija Strateġika stabbilita fl-2009 saħħet aktar ir-rabtiet mal-Messiku, l-uniku pajjiż li miegħu l-UE għandha kemm Ftehim ta' Assoċjazzjoni kif ukoll Sħubija Strateġika. Is-Sħubija, li hija espressjoni ta' rikonoxximent min-naħa tal-UE tal-importanza politika u ekonomika globali dejjem tiżdied tal-Messiku, għandha għan doppju: it-titjib tal-kooperazzjoni u l-koordinament bejn l-UE u l-Messiku fil-livell multilaterali dwar kwistjonijiet globali, u ż-żieda ta' impetu politiku fir-relazzjonijiet u l-inizjattivi bilaterali. Fil-qafas tas-Sħubija Strateġika saru tliet summits bejn l-UE u l-Messiku, l-aktar wieħed reċenti f'Ġunju 2015. Isiru djalogi ta' livell għoli fuq bażi regolari bejn l-UE u l-Messiku dwar bosta kwistjonijiet, inklużi d-drittijiet tal-bniedem, is-sigurtà u l-infurzar tal-liġi, kwistjonijiet ekonomiċi u l-ambjent u t-tibdil fil-klima. Il-Kumitat Parlamentari Konġunt UE-Messiku ilu jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-Ftehim Globali mill-2005.

### B. Iċ-Ċilì

L-ewwel Ftehim Qafas ta' Kooperazzjoni maċ-Ċilì ġie ffirmat fl-1990 wara li l-pajjiż reġa' stabilixxa d-demokrazija. Fl-1995 ġie stabbilit djalogu politiku regolari. Wara li fl-1996 ġie ffirmat Ftehim Qafas ta' Kooperazzjoni aktar komprensiv, l-UE kkonkludiet Ftehim ta' Assoċjazzjoni maċ-Ċilì fl-2002. Il-ftehim jikkonsisti fi tliet fergħat: kapitolu dwar id-djalogu politiku, inkluża l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili, il-Parlament Ewropew u l-Kungress Ċilen; kapitolu dwar il-kooperazzjoni li jiddefinixxi sensiela ta' oqsma għall-

kooperazzjoni għat-trawwim tal-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali sostenibbli; u l-ħolqien ta' żona ta' suq ħieles fi prodotti u servizzi. F'Novembru 2017 inbdew negozjati biex jiġi aġġornat il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

Il-Kumitat Parlamentari Konġunt UE-Ċilì ilu jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mill-2003.

**C.** Il-Brażil

Fl-1960, il-Brażil sar l-ewwel Stat tal-Amerika t'Isfel li rrikonoxxa l-Komunità Ekonomika Ewropea (KEE) u stabbilixxa rappreżentanza permanenti fi Brussell. Ġew iffirmati diversi ftehimiet ta' kooperazzjoni fis-snin sussegwenti. Bil-konsolidazzjoni tad-demokrazija fil-Brażil, ir-relazzjonijiet bilaterali għamlu qabża 'l quddiem, u fl-1992 ġie ffirmat Ftehim Qafas ta' Kooperazzjoni usa'. Ir-relazzjonijiet mal-Brażil komplew jissaħħu minn dak iż-żmien, u dan jirrifletti l-piż ekonomiku u politiku dejjem akbar fil-livell dinji tal-Brażil. Fl-2007, l-UE u l-Brażil stabbilew Sħubija Strateġika. Mill-2007 'l hawn kien hemm seba' summits bejn l-UE u l-Brażil; l-aktar wieħed reċenti minnhom sar fi Frar 2014. Pjan ta' Azzjoni Konġunt għall-2012-2014 stabbilixxa programm ta' attivitajiet għat-tisħiħ tas-sħubija f'ħames oqsma: il-paċi u s-sigurtà; is-sħubija ekonomika, soċjali u ambjentali għall-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli; il-kooperazzjoni reġjonali; ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni; u l-iskambji bejn il-persuni. Is-Sħubija Strateġika bejn l-UE u l-Brażil tinkludi wkoll djalogu regolari bejn il-Kungress Nazzjonali tal-Brażil u l-Parlament Ewropew.

**D.** Kuba

Saż-żmien reċenti Kuba kien l-uniku pajjiż fir-reġjun li ma kienx iffirma Ftehim ta' Kooperazzjoni jew ta' Assoċjazzjoni mal-UE. Madankollu, in-negozjati bil-ħsieb li jiġi konkluż Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni bdew f'April 2014 u ġew konklużi b'suċċess fil-11 ta' Marzu 2016. Il-ftehim ġie ffirmat fit-12 ta' Diċembru 2016 u ġie rratifikat mill-Parlament Ewropew fil-5 ta' Lulju 2017. Dan jista' jidħol fis-seħħ ladarba jiġi rratifikat mill-Istati Membri kollha tal-UE. Il-Ftehim ta' Djalogu Politiku u ta' Kooperazzjoni jinkludi tliet kapitoli ewlenin: dwar id-djalogu politiku, dwar il-kooperazzjoni u d-djalogu fis-settur tal-politika u dwar il-kummerċ. Ir-relazzjonijiet UE-Kuba ssaħħu wkoll f'oqsma oħra, bħal pereżempju permezz ta' bosta żjarat ta' livell għoli u t-tnedija mill-ġdid ta' djalogu politiku formali.

Jesper Tvevad
05/2019